

RAPPORT DWAR

L-IDEAT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

G#ALL-KONFERENZA DWAR

IL-FUTUR TAL-EWROPA



Konferenza
dwar il-Futur
tal-Ewropa



EYE 2021

WERREJ

Messaġġ mill-editor.....	4
It-tibdil fil-klima u l-ambjent	6
Is-saħħa	8
Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi	10
It-trasformazzjoni diġitali	12
Il-valuri u d-drittijiet, l-istat tad-dritt, is-sigurtà	14
Il-migrazzjoni	16
L-educazzjoni, iż-żgħażaġħ, il-kultura u l-isport	18
L-UE u d-dinja.....	20
Id-demokrazija Ewropea.....	22
Oħrajn.....	24



MESSAĠĠ MILL-EDITURI

Fl-2021, ilkoll nistaqsu l-istess mistoqsija kollettiva: u issa x'se jiġri? Kif se tiżviluppa din l-istorja?

L-Ewropa ffaċċjat sfidi enormi f'dawn l-aħħar tliet snin. Madwar il-kontinent varjat tagħna, iċ-ċittadini tagħna ġarrbu għargħar, nirien fil-foresti, tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, theddid għall-għajxien u l-ħajja tagħhom. Kull wieħed minna għex pandemija globali li wrietna kemm jistgħu jkunu fraġli l-ekonomiji u s-servizzi tas-saħħa tagħna, u kemm huwa importanti li nipproteġu u nappoġġaw lil xulxin. L-għaqda tagħna hija prezjuża aktar minn qatt qabel.

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għandha l-potenzjal li tbiddel id-direz-zjoni li qed nimxu fiha. Sar aktar importanti minn qatt qabel li jinġabru, jis-sawru u jitlehħnu l-viżjonijiet ta' dawk li huma u li se jkomplu jkunu fiċ-ċentru tal-futur tal-Ewropa: iż-żgħażaġh.

Liema politiki u liġijiet jistgħu jiffavorixxu l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh biex jiżguraw futur sikur u vibranti? Huwa hawnhekk fejn jidħol dan ir-rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażaġħ.

Dan ir-rapport huwa r-riżultat tal-konsultazzjonijiet taż-żgħażaġh organizzati

mill-Parlament Ewropew fil-qafas tal-Konferenza, li qed jikkontribwixxu għall-proċess ta' konsultazzjonijiet maċ-ċittadini li qed iseħħ fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew u online fuq futureu.europa.eu. Il-ġbir tal-ideat taż-żgħażaġħ laħaq il-qofol tiegħu fl-EYE2021: ir-raba' edizzjoni tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ (EYE) li laqqgħet flimkien fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu eluf ta' żgħażaġħ minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha u lil hinn minnha, biex **isawru u jaqsmu l-ideat tagħhom** dwar il-futur tal-Ewropa.

Mill-aħħar rapport tal-EYE li ġie ppubblikat wara l-EYE2018, iż-żgħażaġħ semgħu leħinhom billi talbu politiki dwar il-klima li jistgħu jiggarantixxu l-futur tagħna; politiki edukattivi li joffru opportunitajiet ġusti lil kulħadd; politiki soċjali li jgħinu fejn hemm bżonn l-għajnuna u ħafna aktar. M'hemm l-ebda dubju li l-Ewropa għandha ġenerazzjoni żagħżuġha attiva u ħerqana biex isawwar il-futur; dan intwera wkoll minn żieda qawwija fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej.

Matul l-aħħar sitt xhur, il-Parlament Ewropew ġabar aktar minn 1,500 idea u proposta mingħand ċittadini żgħażaġħ madwar il-kontinent fuq youthideas.eu. L-aktar ideat popolari mill-konsultazzjonijiet taż-żgħażaġħ, magħżula minna, it-tim editorjali tal-EYE, ġew preżentatitwaqt l-EYE2021 u ġew żviluppati aktar mill-parteċipanti waqt is-sessjonijiet ta' ideazzjoni. Minn dawn, intgħażlu 20 idea u l-parteċipanti kollha tal-EYE, fuq il-post u online, ivvutaw biex jagħżlu l-aqwa 5, ippreżentati fl-għeluq tal-avveniment. Dan id-dokument jiġbor l-20 idea finali żviluppati fl-EYE, filwaqt li jenfasizza l-aktar proposti favoriti diskussi fil-plenarja tal-għeluq tal-EYE2021. Tista' ssib ħafna aktar ideat taż-żgħażaġħ mill-proċess ta' konsultazzjoni fuq search.youthideas.eu.

Aħna nemmnu li dawn l-ideat l-aktar ivvutati huma rappreżentazzjoni vera u ġusta tal-ogħla aspettattivi taż-żgħażaġħ għat-tfassil futur tal-politika.

Rapport bħal dan ma kienx ikun possibbli mingħajr iż-żgħażaġħ kollha li pparteċipaw fil-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġħ u li għamlu l-isforz biex jaqsmu l-bidliet li jixtiequ jaraw iseħħ. Lanqas ma kien ikun possibbli mingħajr il-ħafna żgħażaġħ li pparteċipaw fl-EYE2021 li nkomplu niżviluppaw l-aktar ideat popolari – grazzi!

Dan ir-rapport huwa aktar minn sempliċiment ġabra ta' ideat, huwa l-vuċi tal-ħafna, b'vizzjoni konkreta għall-futur komuni tagħna. Dan se jittella' fuq il-pjattaforma ewlenija tal-Konferenza futureu.europa.eu bħala parti mill-EYE2021, u se jiġi ppreżentat lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u lill-Membri tal-Parlament Ewropew biex iservi ta' ispirazzjoni għad-dibattitu politiku u l-proposti ta' politika futuri.

It-tim editorjali tal-EYE2021



IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-AMBJENT

NAGĦMLU R-RIĊIKLAĠĠ AKTAR FAĊLI MADWAR L-UE

Il-fruntieri m'għandhomx iwaqq-fu l-isforzi tagħna biex innaqqsu l-iskart u ngħaddu għal ekonomiji ekoloġiċi u ċirkolari. L-Istati Membri bħalissa għandhom approċċi diverġenti għall-politiki tar-riċiklaġġ, u dan jirriżulta fi tfixkil tad-drawwiet tar-riċiklaġġ u f'ammonti kbar ta' skart. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li titfassal **sistema standardizzata ta' riċiklaġġ** li tapplika għall-kontinent kollu. Approċċ tajjeb huwa dak tas-sistema tad-"distributuri **awtomatiċi inversi**". Iċ-ċittadini jgħallsu tariffa żgħira kull meta jixtru prodotti ppa-kkjati li tintraddilhom lura meta jid-depożitaw l-imballaġġ lura f'dawn id-distributuri awtomatiċi.

Sabiex dan jirnexxi madwar l-UE, huwa kruċjali li l-manifattura u l-użu tal-materjal ikunu unifikati. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-imballaġġ tiżgura li l-fdalijiet kollha jkunu jistgħu jiġu riċiklati b'mod effettiv kullimkien. Din is-sistema għandha tiġi implimentata b'perjodu ta' tranżizzjoni sinifikanti, biex tippermetti aġġustamenti fil-produzzjoni, u ż-żmien biex in-nies jiġu edukati dwar prattiki u aspettattivi ġodda. Tikketti obbligatorji jistgħu wkoll isaħħu l-pożizzjoni tal-klijenti u jinfurmawhom dwar din is-sistema l-ġdida u fejn jirriċiklaw l-iskart tagħhom.





UGWALJANZA EKOLOĠIKA FIN-NEGOZJU

It-tiżiż tal-pożizzjoni ta' negozji żgħar ekoloġiċi huwa għodda ewlenija biex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika. Korporazzjonijiet kbar u inqas sostenibbli għadhom dominanti fis-suq, u dan kważi ma jħalli l-ebda spazju għal kumpaniji aktar ekoloġiċi biex jikkompetu. Biex jiġi żgurat li t-**tkabbir ekonomiku jkun ekoloġiku**, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ineħħu l-inċentivi kollha għall-użu tal-fjuwils fossili, minnufih. Dawn il-fondi mbagħad jistgħu min-flok jintużaw biex jiġu żviluppati inizjattivi ekoloġiċi f'impriżi kummerċjali

żgħar. Pereżempju, nistgħu nagħmlu l-aċċess għall-kreditu aktar flessibbli għal kumpaniji iżgħar li jirrispettaw ix-xejriet u l-prattiki ekoloġiċi.

Barra minn hekk, huwa importanti li l-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi u tissussidja l-ħolqien ta' swieq lokali, fejn il-bdiewa b'negozji żgħar jistgħu jbigħu prodotti lokali lill-konsumaturi fil-qrib, u b'hekk idawru l-attenzjoni minn fuq il-konsum kbir tas-supermarkets u **jagħmlu l-konsum lokali aktar attraenti** għall-familji u l-klijenti.



IS-SAĦĦA

APPROĊĊ OLISTIKU GĦAS-SAĦĦA

Hemm bżonn nieħdu approċċ aktar olistiku għas-saħħa fuq livell istituzzjonali. **Patt ġdid tal-UE dwar is-saħħa** għandu jeduka lin-nies dwar l-importanza li jieklu dieta bilanċjata, jagħmlu eżerċizzju, u jimpjegaw esperti tas-saħħa mentali fl-iskejjel. Il-COVID-19 uriena li rridu nedukaw u nsaħħu l-pożizzjoni tan-nies biex jieħdu ħsieb aktar is-saħħa mentali u fiżika tagħhom.

Leġiżlazzjoni ġdida għandha tinkludi:

- Appoġġ għat-taħriġ u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' esperti tas-saħħa

mentali fl-iskejjel

- Adozzjoni mill-iskejjel ta' lezzjonijiet dwar dieta tajba għas-saħħa u l-importanza tal-eżerċizzju fiżiku
- Spazji sikuri għas-saħħa mentali fil-bliet u l-irħula, fejn in-nies jistgħu jfittxu kenn f'żoni ffullati jekk jaqbadhom attakk ta' paniku jew sintomi oħra ta' marda mentali
- Kampanja ta' informazzjoni li tindika liċ-ċittadini informazzjoni affidabbli dwar kif tiekol tajjeb u tiegħu ħsieb il-benesseri mentali tiegħek





INŻOMMU LILL-KUMPAJJI RESPONSABBLI

It-tibdil fil-klima qed jagħmel ħsara lil saħħitna u lill-pjaneta tagħna, u l-problema qed issir aktar urġenti. L-ġhargħar, in-nixfiet, l-iskart tossiku u t-tniġġis tal-arja fil-bliet qed jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-popopolazzjonijiet Ewropej.

Jeħtieġ li nżommu lill-kumpaniji responsabbli għall-ħsara li jagħmlu lill-lagi, l-oċeani, l-arja u l-art tagħna għall-ġid tal-benesseri tagħna. **Il-kumpaniji għandhom jiġu sanzjonati għall-ħsara lill-ambjent**, u l-konsegwenzi sussegwenti fuq is-saħħa pubblika. Ta' spiss huwa l-pubbliku u l-fondi pubbliċi li jgħallsu għall-kura

tas-saħħa u l-benesseri ġenerali. Hemm bżonn noħorġu minnufih bi strateġija biex inkejlu l-iskart tal-kumpaniji u t-tniġġis fil-bliet; nistgħu nħarsu lejn iż-żieda fil-mard kroniku u r-rati ta' allerġiji bħala indikaturi tat-tniġġis lokali u l-ħsara għas-saħħa tal-popopolazzjoni.

Barra minn hekk, min iħaddem għandu jiffaċilita l-użu ta' **trasport sostenibbli**, bħall-ferroviji pubbliċi u r-roti permezz ta' sussidji jew faċilitajiet ta' ħżin xierqa. Dawn l-għażliet mhux biss itejbu l-pjaneta, iżda jtejbju s-saħħa fiżika tagħna.



EKONOMIJA AKTAR B'SAĦĦITHA,

ĠUSTIZZJA SOĊJALI U IMPJIEGI

BIDU TA' KWALITÀ GĦALL-ĦAJJA TAX-XOĠĦOL

It-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għandu jkun prijorità primarja tal-UE, speċjalment f'ekonomija post-pan-demika. L-Unjoni għandha talloka aktar riżorsi finanzjarji għal inizzjattivi li **jiffaċilitaw impjiegi ġodda għaż-żgħażaġh** u jassistu liż-żgħażaġh biex jidħlu fis-suq tax-xoġĥol.

Għandna bżonn:

- Nistabbilixxu fondi speċifiċi biex in-temmu internships mingħajr ħlas, ir-rispettament mill-istatus edukattiv jew soċjali.
- Noħolqu pjattaforma f'koordinazzjoni mal-organizzazzjonijiet

taż-żgħażaġh u ma' min iħaddem (kumpaniji, istituzzjonijiet, u NGOs) biex tgħin liż-żgħażaġh isibu internships bi ħlas skont il-preferenzi tagħhom f'firxa ta' industriji.

- Noħolqu network ta' medjaturi fi ħdan l-iskejjel tal-Istati Membri, biex jintlaħqu persuni li potenzjalment jaf jitolqu mill-iskola qabel iż-żmien, u tingħatalhom edukazzjoni dwar l-għażliet tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.





INTEGRAZZJONI FISKALI U POLITIKA FL-UE

Biex tiġi żgurata integrazzjoni aħjar fl-Unjoni, wasal iż-żmien li tiġi applikata **sistema fiskali waħda madwar l-UE**, sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri.

Din l-integrazzjoni fiskali jkollha ħafna vantaġġi:

- Tirriżulta f'distribuzzjoni aktar ġusta tal-fondi bejn l-Istati Membri sinjuri u dawk li għadhom qed jiżviluppaw.
- Dan iwassal għal baġit akbar u leġiżlazzjoni komuni dwar il-politika fiskali.
- Dan inaqqas il-burokrazija.
- Nistgħu niżviluppaw investimenti għal proposti oħra, bħal politiki komuni dwar il-pagi, azzjoni konġunta kontra l-qgħad u l-istess età tal-irtirar fl-UE kollha.



IT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI

EDUKAZZJONI DWAR L-UŻU SIKUR TAL-MEDIA SOĠJALI

L-edukazzjoni dwar l-użu sikur tal-media soċjali għandha tkun priorità fl-2021, hekk kif il-pjattaformi qed jiddominaw il-ħajja personali u professjonali tagħna. Persuni diġitalment litterati mhux biss ikunu aktar preparati jindirizzaw it-theddid ċibernetiku, iżda jużaw ukoll il-pjattaformi tal-media soċjali b'rispett u tolleranza.

Ħadd ma għandu jitħalla lura fid-dinja diġitali; **irridu nedukaw lill-ġenerazzjonijiet kollha biex jużaw il-preżenza diġitali tagħhom b'attenzjoni**. Għat-tfal b'mod partikolari, nistgħu:

- Nintegraw il-litteriżmu diġitali fil-kurrikulu tal-iskola.
- Niċċelebraw il-jiem diġitali internazzjonali, li matulhom it-tfal jingħataw lezzjonijiet prattiċi u teoretiċi.
- Nużaw logħob interattiv bħala għodod ta' tagħlim.
- Noħolqu pjattaforma tal-media soċjali simulata, sabiex it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu dwar il-periklu ta' ċiberattakki u jevitaw il-konsegwenzi tal-ħajja reali.





INSAĦĦU L-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR IĊ-ĊIBERSIGURTÀ

Fid-dinja dejjem aktar diġitali tagħna, għandna bżonn **livell oġġett ta' ċibersigurtà** billi nsaħħu l-oqfsa leġislattivi internazzjonali. Hija meħtieġa leġiżlazzjoni li tkopri l-UE kollha sabiex jiġi żgurat li l-privatezza ta' ċittadini u d-drittijiet diġitali tagħhom jiġu protetti b'mod aktar effettiv.

L-UE għandha toħloq kumitat ta' esperti li jirrappreżenta lill-Istati Membri kollha u jiddefinixxi x'inhi

ċ-ċiberkriminalità, u liema leġiżlazzjoni għandna nadottaw. Hemm bżonn li istituzzjoni bħal din tkun protetta minn lobbying potenzjali u mill-korporazzjonijiet kbar.

Il-leġiżlazzjoni għandha tiggarrantixxi wkoll li l-pjattaformi online jivverifikaw l-ID tal-utent sabiex jiġġieldu l-anonimità online, li tista' twassal għal abbuż online, informazzjoni invalida u ċiberattakki.



IL-VALURI U D-DRITTIJJET, L-ISTAT

TAD-DRITT, IS-SIGURTÀ

L-ISTAT TAD-DRITT

L-UE hija unjoni ta' valuri. Irridu li jkun hemm mekkaniżmi vinkolanti biex jiżguraw ir-rispett tal-valuri tal-Unjoni espressi fl-Artikolu 2 tat-Trattat, bħall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi. It-Trattati għandhom jinbidlu sabiex ir-regola tal-unanimità fl-Artikolu 7 tiġi sostitwita b'**regola ta' maġġoranza kwalifikata**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament għandu jkollhom vot fil-proċess, inkluż fil-kalkolu għall-maġġoranza kwalifikata. Ladarba jitnedew, il-proċessi tal-Artikolu 7 għandu jkollhom skedi ta' żmien ċari. Il-Qorti tal-Ġustizzja

għandha tibqa' l-unika qorti kompetenti biex tiddeċiedi dwar il-liġi tal-UE, inklużi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-istat tad-dritt.

Għandna nagħtu effett sħiħ lill-klawżola ta' **kundizzjonalità tal-istat tad-dritt** marbuta mal-baġit tal-UE u mal-fond Next Generation EU. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida rilevanti minnufih.

Barra minn hekk, l-UE għandha tivvaluta r-rispett tal-Istati Membri għall-valuri fundamentali tal-UE, imfasslin fuq il-proċessi ta' rappurtar ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiżi kandidati.





DRITTIJJET UGWALI GĦAL-LGBTQI+

L-UE għandha tħaddan id-dinjità, il-ġustizzja u r-rispett bħala valuri rikonoxxuti u kondiviżi. Irridu niżguraw li l-komunitajiet LGBTQI+ madwar l-UE jgawdu drittijiet ugwali. L-UE tista' u għandha tiddefinixxi l-attakki kontra l-komunità LGBTQI+ bħala reati ta' mibegħda.

Bidla reali tibda fl-attitudnijiet kollettivi, u **inizjattivi minn fuq** għal isfel waħedhom, mingħajr appoġġ mill-komunità, jistgħu jkunu kontroproduktivi. Hemm bżonn li l-UE tappoġġa inizjattivi minn isfel għal fuq, billi tippromwovi

sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet LGBTQI+, u ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' gruppi ta' attivisti reġjonali u nazzjonali. Dan l-appoġġ għandu jieħ u l-forma ta' pjan ta' azzjoni, produzzjoni ta' avvenimenti, pubblikazzjonijiet LGBTQI+ ġodda u inizjattivi finanzjati għall-gruppi. Il-komunitajiet tagħna għandhom bżonn ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet li bħalissa l-persuni LGBTQI+ m'għandhomx, u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-komunitajiet LGBTQI+. L-empatija u l-fehim huma l-ewwel pass fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-oħrajn.



IL-MIGRAZZJONI

APPOĠĠ GĦAL AKKADEMIĊI ŻĠHAŻAĠH RIFUĠJATI

L-UE għandha tiffinanzja programm li jagħti **aċċess għall-universitajiet tal-UE lil studenti u akkademiċi rifuġjati**. Għandha tidentifika l-universitajiet Ewropej interessati li jospitaw akkademiċi rifuġjati, u tikkordina mal-UNHCR biex tidentifika u tikkuntattja lill-akkademiċi rifuġjati. L-universitajiet jistgħu jistabbilixxu xi rekwiżiti għall-akkademiċi, bħal kriterji speċifiċi ta' għarfien, iżda bl-ebda mod m'għandhom jitħallew jiddiskriminaw abbażi tal-orijini. Il-kandidati interessati għandhom jirċievu appoġġ mill-UE, li għandha tipprovdi finanzjament għall-NGOs li jagħti għajjnuna lill-kandidati matul il-proċess ta' applikazzjoni. Ladarba jiġu aċċettati, l-akkademiċi rifuġjati għandu jkollhom aċċess għal

taħriġ preparatorju jekk ikun meħtieġ.

Fond ċentrali Ewropew ikun l-aħjar mod biex jiġu sponsorjati universitajiet li jaċċettaw studenti rifuġjati, biex tingħata għajjnuna għall-ħtiġijiet primarji bħall-akkomodazzjoni, l-ikel u l-korsijiet tal-lingwa. Programm bħal dan għandu jgħin lill-UE tirrispondi għall-isfida ta' popolazzjoni li qed tixxjeh; isaħħaħ il-valuri tal-UE tas-solidarjetà u tad-dinjità tal-bniedem; jagħti l-opportunità lir-rifuġjati jiksbu ħiliet b'kampens għall-kontribut tagħhom lill-pajjiżi ospitanti, jippermetti lill-pajjiżi ospitanti jiksbu forza tax-xogħol ġdida u b'ħiliet; u, fuq kollox, inaqqas in-nuqqas ta' fiduċja fil-migranti u r-retorika populistika.





APPOĠĠ AĦJAR GĦALL-APPLIKANTI GĦALL-AŻIL

L-akkomodazzjoni tal-applikanti għall-ażil għal perjodi twal f'kampijiet fl-Istati Membri hija inumana u insostenibbli. It-titjib ta' din is-sitwazzjoni għandu jkun prijorità. **L-UE għandha ssaħħaħ il-finanzjament ċentralizzat** li jincen-tiva lill-Istati Membri jaċċettaw il-migranti. Il-finanzjament għandu jintuża biex tiġi sponsorjata l-aċċettazzjoni tal-migranti mill-istati, u biex jiġu simplifikati l-proċessi burokratiċi u ta' integrazzjoni. Dan għandu jintuża:

- immedjatament biex jiġu reklutati tradutturi u avukati tal-immigrazzjoni biex ikunu preżenti fil-pajjiżi tal-Mediterran, u b'hekk inaqqsu l-ħinijiet tal-ipproċessar għat-talbiet għall-ażil;
- jipprovdi għall-ħtiġijiet inizjali tal-migranti fil-pajjiżi li fihom jaslul-ewwel; u jkopri l-ispejjeż tal-ikel,

kenn, mediċina u l-ħtiġijiet tat-trabi;

- jappoġġa l-integrazzjoni fl-istati ta' destinazzjoni, waqt li jnaqqas in-nuqqas ta' rieda li jiġu aċċettati l-migranti;
- jipprovdi appoġġ tekniku u pariri madwar l-UE.

Għandha tingħata wkoll għajjnuna lill-istati biex jistabbilixxu apprendistati għall-applikanti għall-ażil, u jaċċelleraw l-integrazzjoni; tippermettilhom jikkontribwixxu għall-pajjiżi ospitanti tagħhom; u titnaqqas in-nuqqas ta' fiduċja tal-komunitajiet ospitanti fil-migranti. Dan jista' jiġi komplementat b'aktar rikonoxximent tal-kwalifiki preċedenti tal-migranti, u billi jiġu assenjati l-applikanti għall-ażil ipproċessati lill-Istati Membri skont il-ħiliet u l-ħtiġijiet tagħhom.



L-EDUKAZZJONI, IŻ-ŻGHAŻAĠH,

IL-KULTURA U L-ISPORT

EDUKAZZJONI MHUX FORMALI FL-ISKEJJEL

L-UE għandha tipprovdi aktar finanzjament biex iż-żgħażaġh Ewropej kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-edukazzjoni mhux formali. Il-mekkaniżmi diġà jeżistu: It-tqarrib tal-Edukazzjoni, l-Istudju u t-Taħriġ (BEST) għandu faċilment jidħol fil-programm Erasmus+ flimkien ma' azzjonijiet bħal eTwinning u skambji tal-persunal. Issa fadal biss ir-rieda politika.

L-edukazzjoni mhux formali jista' jkollha ħafna aspetti differenti – fosthom is-servizzi volontarji, l-iskambji taż-żgħażaġh u l-programmi sportivi. Iż-żgħażaġh Ewropej jeħtieġ li **jitgħallmu ħiliet prattiċi** biex jikbru

f'ċittadini żviluppati sew, responsabli, u b'kuxjenza u l-edukazzjoni mhux formali hija mod tajjeb biex tinkiseb edukazzjoni aktar olistika.

Barra minn hekk, programm Ewropew ta' edukazzjoni mhux formali jista' joħloq pjattaforma li tnaqqas id-distakk bejn l-għalliema tal-iskejjel u l-fornituri tas-servizzi li jistgħu jipprovdu għarfien espert dwar suġġetti rilevanti għall-ħajja kontemporanja. Il-pjattaforma tkun tinkludi wkoll informazzjoni dwar metodoloġiji ta' taġġlim innovattivi, interattivi u interessanti kif ukoll opportunitajiet ta' networking.





KURRIKULI TAL-ISKOLA AĦJAR

Ejja nġeddu l-kurrikuli tal-iskola! Hemm bżonn li l-iskejjel Ewropej joffru edukazzjoni aktar utli u pratika, u jinkludu **suġġetti rilevanti għall-ħajja fid-dinja kontemporanja**, bħas-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali, l-edukazzjoni sesswali, il-litteriżmu diġitali u finanzjarju, l-edukazzjoni ambjentali u l-ħiliet interkulturali. Hemm bżonn li l-iskejjel kontinwament jivvalutaw mill-ġdid dak li jeħtieġu l-istudenti tagħhom sabiex jiffaċilitaw ġenerazzjoni li tkun ippreparata għall-forza tax-xogħol.

Barra minn hekk, f'dinja dejjem aktar globalizzata, kemm il-ħiliet interkulturali kif ukoll l-għarfien dwar l-opportunitajiet u l-benefiċċji li ġġib magħha l-Ewropa qed isiru dejjem

aktar importanti. Jekk l-iskejjel jgħinu biex jissaħħu dawn iż-żewġ punti, nistgħu noħolqu soċjetà aktar vibranti, diversa u impenjata li fiha aħna nkunu Ewropa waħda, naħdmu lejn għanijiet komuni u nimpenjaw ruħna b'mod attiv fid-dinja. Nistgħu nirreaġixxu għall-isfidi fuq livell politiku u personali, b'mod effettiv.

Il-ħolqien ta' dawn is-suġġetti ġodda tal-iskola huwa ta' benefiċċju għaż-żgħażaġh u għall-Ewropa kollha kemm hi b'diversi modi. L-esponiment taż-żgħażaġh Ewropej għal suġġetti b'implikazzjonijiet moderni u prattiċi jgħin biex jitrawmu ċittadini b'moħħ miftuħ, inklużiv u tolleranti. Dan jibni empatija u jqarreb lill-Ewropej lejn xulxin.



L-UE U D-DINJA

EWROPA FEDERALI

It-tibdil fil-klima, il-COVID-19 u t-tħassib dwar is-sigurtà internazzjonali jirrappreżentaw sfidi sinifikanti għall-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħha. Biex nindirizzawhom, hemm bżonn nimpjenjaw ruġna għal stat federali.

B'dan il-mod, inkunu nistgħu nsiru forza globali akbar li toffri sfida – ekonomikament, politikament, militarment, u kulturalment. **Ewropa federali** żgur mhijiex kompitu faċli, iżda **proġett fit-tul bi prospettivi kbar**: it-tnaqqis tal-ispejjeż

għall-gvernijiet nazzjonali jagħtina l-opportunità li ninvestu fil-politika tas-saħħa u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, Ewropa federali tista' tgħaqqad nies minn kull sfond u ideoloġija, u ssaħħaħ l-identità Ewropea billi tnaqqas id-distakki interni, li, min-naħa tagħhom, jagħmlu l-Istat tal-Ewropa attur b'saħħtu u reżiljenti. Dan jagħtina l-kapaċità li nitkellmu b'vuċi komuni u jippermettilna nipromwovu l-valuri Ewropej u l-paċi f'arena internazzjonali.





POLITIKA BARRANIJA KOMUNI AKTAR B'SAĦĦITHA

Politika barranija komuni aktar effettiva tista' tagħti preżenza aktar b'saħħitha lill-Unjoni Ewropea fin-negozjati dinjija, u telimina l-ħtieġa għal diversi ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Bħala **setgħa qawwija, multi-laterali u mhux eġemonika**, l-Unjoni tagħna tista' tindirizza l-isfidi globali u tirreaġixxi aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti għat-theddid għas-sigurtà internazzjonali kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja.

Bl-adozzjoni ta' politika barranija komuni, nistgħu:-

- Nippromwovu l-valuri, pereżempju billi nipprojbixxu b'mod effettiv kwalunkwe kummerċ ta' prodotti li jappoġġa x-xogħol furzat.
- Insaħħu identità Ewropea – u nibnu fiduċja miċ-ċittadini f'din is-setgħa ġdida.
- Intejbu r-reżistenza fil-konfront tas-setgħat mhux demokratiċi u t-theddid għas-sigurtà u nirreaġixxu b'mod xieraq għalihom.
- Niżguraw li leħinna jinstema' fin-negozjati internazzjonali u fil-politika dinjija.



ID-DEMOKRAZIJA EWROPEA

PASSAPORT TAL-UE UNIKU STANDARDIZZAT

Ejja nisfruttaw il-potenzjal taċ-ċittadinanza tal-UE! Bħala l-ewwel pass, nistgħu noħolqu **passaport u karta tal-identità** uniċi u **standardizzati tal-UE** għaċ-ċittadini kollha tal-UE, li jkunu validi għad-dħul u r-residenza fl-Istati Membri kollha.

It-tieni nett, irridu nesperjenzaw l-Ewropa sabiex inħossuna Ewropej. Għal dan il-għan, huwa importanti li jsir aktar faċli għaċ-ċittadini li jgħixu fi Stati Membri differenti li jiċċaqalqu bejniethom. Għalhekk neħtieġu proċessi standardizzati ta' rilokazzjoni u reġistrazzjoni fil-pajjiżi kollha tal-UE: għandu

jkun faċli li wieħed jiċċaqalq fl-UE daqs kemm hu faċli li wieħed jiċċaqalq fi Stat Membru.

Meta jitfasslu politiki u proċessi bħal dawn, għandna niżguraw li kulħadd jiġi trattat b'mod ugwali. Għalhekk, għandna nagħmlu regoli għall-UE kollha għar-rilokazzjoni lejn Stati Membri differenti u r-reġistrazzjoni fi-hom. Pereżempju, iċ-ċittadini tal-UE għandhom jitħallew jivvutaw fl-elez-zjonijiet kollha tal-pajjiż fejn joqogħdu – irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.





LISTI TRANSNAZZJONALI GĦALL-ELEZZJONIJIET TAL-UE

L-UE għandha problema: iċ-ċittadini tagħha għadhom mhumiex rappreżentati kif suppost, u dan jaffettwa l-fiduċja tagħhom fil-politika u l-livell ta' involviment tagħhom ma' dawk li jfasslu l-politika.

Biex dan jinbidel, l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jeħtieġ li jkunu aktar Ewropej, u mhux 27 elezzjoni li jsejtnu fl-istess ħin. Għandna nużaw **listi transnazzjonali**, fejn il-votanti jingħataw lista ta' kandidati nazzjonali, u lista addizzjonali b'kandidati mill-Istati Membri kollha. B'dan il-mod, votant ikun jista' jivvota kemm għall-kandidat ta' pajjiżu kif ukoll għall-kandidat ta' pajjiż ieħor, u b'hekk jinħolqu żewġ modi differenti biex jiġu eletti l-politiċi. B'hekk, inkunu nistgħu niżguraw li l-kandidati jibqgħu jirrappreżentaw ir-reġjuni

kollha iżda fl-istess ħin l-elezzjonijiet isiru verament transnazzjonali ħalli l-politiċi jkunu mgjegħla jqisu l-opinjoni tal-Ewropej kollha.

L-istess għandu japplika għall-kandidati għall-President tal-Kummissjoni li m'għandhomx jiġu eletti f'negozjati wara l-kwinti bejn il-partijiet rebbieħa. Għandna nsajnu l-hekk imsejja **sistema ta' "Spitzenkandidaten"**, fejn il-partiti kollha jgħabbru l-kandidati tagħhom għall-President tal-Kummissjoni qabel il-kampanja elettorali f'każ li l-partit tagħhom jikseb maġġoranza. Permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-kampanja u interazzjoni diretta maċ-ċittadini, il-President futur ikun jista' jkollu relazzjoni aktar mill-qrib mal-popolazzjoni Ewropea.



O#RAJN

NINGĦAQDU FIL-MULTILINGWIŻMU

Ejja ningħaqdu għall-multilingwiżmu!

Aktar fondi tal-UE għandhom jin-tużaw biex jappoġġaw il-multilingwiżmu. Bħala l-ewwel pass, hemm bżonn li **t-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel jiġi riformat**: filwaqt li ħafna studenti jistudjaw lingwi mitkellma fl-akbar pajjiżi tal-UE, ftit biss jistudjaw lingwi mitkellma minn inqas ċittadini tal-UE, minkejja li daww il-lingwi jistgħu jiġu mitkellma f'pajjiżi ferm eqreb għalihom. Ħafna studenti bilingwi lanqas ma jistgħu jistudjaw il-lingwa materna tagħhom fl-iskola, u ħafna lingwi mitkellma minn minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi mhumiex of-fruti lilhom, u dan jhedded id-dritt

tagħhom li jużaw l-ilsien matern tagħhom. Aktar finanzjament għandu jiffaċilita l-klassijiet tal-lingwa u jħarreġ lill-għalliema li jistgħu jip-promwovu l-multilingwiżmu fis-sistema edukattiva.

Bħala l-pass li jmiss, nistgħu **nsaħħu l-iskambji taż-żgħażaġh** bħal żjara ta' studju mmirati lejn it-tagħlim ta' lingwa barranija, kif ukoll nibdlu l-komunikazzjoni uffċjali. Xi avvenimenti u programmi mmirati lejn iż-żgħażaġh Ewropej diġà qed isiru f'diversi lingwi: aktar finanzjament mill-UE jista' jippermetti saħnsitra aktar avvenimenti u programmi biex jipprovdu tali opportunitajiet ta' tagħlim tal-lingwa liż-żgħażaġh Ewropej.





NAGĦTU PRIJORITÀ LIT-TRASPARENZA FIL-POLITIKA TAL-UE

Hemm bżonn li l-politiki Ewropej kollha jiġu evalwati b'mod trasparenti. Xi wħud minnhom jaf ma jilħqux il-miri tagħhom jew il-komunitajiet fil-mira: jistgħu, pereżempju, jinsew iquisu s-sitwazzjoni speċifika ta' ċittadini li jgħixu f'żoni rurali jew pajjiżi ekonomikament aktar dgħajfa. Biex nitgħallmu mill-iżbalji li għamilna fil-passat u noħolqu politiki aħjar fil-futur, iċ-ċittadini jridu jkunu kapaċi jifhmu għaliex il-politiki individwali jinħolqu u jiġu riformati: evalwazzjonijiet trasparenti u li jinftiehem jippermettulhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb fl-elezzjonijiet.

It-tieni nett, il-ħidma tal-lobbisti fl-UE għandha ssir aktar trasparenti. Il-lobbisti għandhom jiġu regolati b'mod aktar strett biex jiġi żgurat li l-politiċi jismgħu lill-votanti tagħhom. Matul dawn l-aħħar ftit snin, kien hemm xi sforzi inizjali biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni. Dawn huma passi fid-direzzjoni t-tajba: mod kif titrawwem aktar it-trasparenza huwa, pereżempju, li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni u l-użu tar-reġistri ta' trasparenza. Miżuri bħal dawn se jżidu wkoll il-fiduċja ta' ċittadini fl-Unjoni u fil-politiki tagħha.



EYE2021.EU



SEARCH.YOUTHIDEAS.EU



INSTAGRAM.COM/EP_EYE



FACEBOOK.COM/YOUTHEP



TWITTER.COM/EUROPARL_EYE



EYE 2021